**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2024**

Rikors Numru: 244/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 158/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewgu fl-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Cavalieri Hotel, San Ġiljan, u dana skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala DOK A;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt tas-separazzjoni datat sbatax (17) ta' Awissu tas-sena elfejn, tnejn u għoxrin (2022) fl-atti ta' Dr. Robert John Muscat (DOK B);
3. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u l-att tas-separazzjoni qed jiġi osservat fl- intier tiegħu;
4. Illi li l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal iktar minn sentejn (2) kif ukoll daħlu f'relazzjonijiet ġodda għalekk l-esponenti ma tarax li hemm xi prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni;
5. Illi b'hekk ir-rekwiżiti tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti.

Talab lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli mill-istess Qorti għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi :

1. Illi huwa jaqbel mat-talbiet kid dedotti b'dan illi huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Gunju 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta’ Awwissu 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.